KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fil-5 ta' Lulju 2012 [1]

Kawża C-300/10

Vítor Hugo Marques Almeida
vs
Companhia de Seguros Fidelidade-Mundial SA

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação de Guimarães (il-Portugall)]

"Direttivi 72/166/KEE, 84/5/KEE u 90/232/KEE — Assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur — Ħabta bejn żewġ vetturi fejn il-ħtija ma tistax tiġi attribwita lis-sewwieqa — Passiġġier li kkontribwixxa għall-produzzjoni tad-danni tiegħu — Responsabbiltà għar-riskju — Rifjut jew limitazzjoni tad-dritt għal kumpens"

I – Introduzzjoni

1. L-idea ta' kumpens hija parti mill-aspirazzjoni tal-ideal ta' ġustizzja, kif kien diġà maħsub fil-filosofija Griega antika. Għalhekk insibu fi Plato [2] l-idea ta' kumpens għal kull dannu kkawżat, li tmur lil hinn mid-dritt kriminali. Minbarra gradi differenti ta' responsabbiltà, il-filosofija antika kienet tagħraf ukoll il-possibbiltà ta' ħelsien minn din ir-responsabbiltà meta jidher li dannu ma setax jiġi attribwit lill-awtur uniku tiegħu, pereżempju għaliex il-vittma tkun ikkontribwixxiet għalih. Dan il-kunċett, iffurmat b'mod partikolari minn Antiphon [3], ġie żviluppat matul l-istorja tad-dritt, Ruman u modern, sabiex sar dak li l-ordinament ġuridiku ta' ħafna mill-Istati Membri issa ġeneralment jifhmu bit-terminu "koresponsabbiltà" [4]. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tagħti risposta dwar jekk dan il-kunċett, magħruf ukoll fid-dritt Portugiż, huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur.

1 — Lingwa oriġinali: is-Sloven.
Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

2 — Plato (Πλάτων bil-Grieg antik, madwar 427/428 sa 347/348 qabel Kristu) irreġistra l-ħsibijiet tiegħu fuq il-kumpens fix-xogħol tiegħu "Νόμοι" (Il-Liġijiet).

3 — Antiphon ta' Rhamnos ("Ἀντιφών" bil-Grieg antik, madwar 480 sa 410 qabel Kristu), ħalla ħafna sottomissjonijiet orali, li kienu maħsuba għal proċessi ġudizzjarji. Huwa kien ukoll l-awtur ta' tliet Tetroloġiji, jiġifieri eżerċizzji retoriċi li jipparagunaw żewġ diskorsi tal-attur u żewġ diskorsi tal-konvenut u li fihom huwa żviluppa wkoll it-tema tal-ħtija tal-vittma.

4 — Ara, fuq din il-kwistjoni, H. Barta, "Die Entstehung der Rechtskategorie 'Zufall' – Zur Entwicklung des haftungsrechtlichen Zurechnungsinstrumentariums im antiken Griechenland und dessen Bedeutung für die europäische Rechtsentwicklung", *Lebend(ig)e Rechtsgeschichte* (editjat minn H. Barta/T. Mayer-Maly/F. Raber) u Plato, *Werke – Übersetzung und Kommentar* (editjat minn E. Heitsch/C. Werner Müller/K. Sier), Göttingen 2011.

2. Permezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari li huwa ressaq skont l-Artikolu 267 TFUE, it-Tribunal da Relação de Guimarães (iktar 'il quddiem, il-"qorti tar-rinviju") jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda dwar l-interpretazzjoni tad-Direttivi 72/166/KEE[5], 84/5/KEE[6] u 90/232/KEE[7], adottati bl-iskop tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur. Il-qorti tar-rinviju tfittex essenzjalment li tikseb xi kjarifiki fuq il-kwistjoni jekk dawn id-Direttivi jipprekludux sistema nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili li tippermetti lil qorti, adita sabiex tiddeċiedi fuq id-danni wara inċident tat-traffiku, tillimita jew anki teskludi, skont iċ-ċirkustanzi, id-dritt għal kumpens tal-parti leża meta aġir żbaljat min-naħa tagħha jkun ikkontribwixxa għall-inċident jew għall-aggravament tad-danni tagħha.

3. Din id-domanda tqum fil-kuntest ta' kawża li tirrigwarda d-dritt għal kumpens ta' parti leża wara inċident tat-traffiku li, fil-mument li seħħ l-inċident, kienet passiġġiera f'waħda miż-żewġ vetturi involuti. Il-parti leża, li bi ksur tal-liġi applikabbli ma kinitx liebsa ċ-ċintorin ta' sigurtà tagħha[8], kienet feruta gravement f'dik l-okkażjoni. Il-kawża għad-danni li hija kienet ippreżentat kontra s-sewwieqa taż-żewġ vetturi, kontra l-assigurazzjoni tal-vettura li fuqha hija kienet tivvjaġġa bħala passiġġiera kif ukoll kontra l-fondi ta' garanzija kienet ġiet miċħuda fl-ewwel istanza abbażi tas-sistema ta' responsabbiltà ċivili msemmija iktar 'il fuq, għar-raġuni li d-dannu kien dovut għan-nuqqas tagħha stess, billi hija kienet naqset milli tirrispetta l-obbligu legali li tilbes iċ-ċintorin ta' sigurtà.

4. Din il-kawża tagħmel parti minn serje twila ta' rinviji għal domanda preliminari mressqa mill-qrati Portugiżi, li essenzjalment iqajmu l-kwistjoni tal-kompatibbiltà tas-sistemi nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili f'każ ta' inċidenti tat-traffiku mad-dritt tal-Unjoni, speċifikament mad-direttivi intiżi għall-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur. Billi huwa magħruf li l-Qorti tal-Ġustizzja reċentement tat diversi sentenzi li jirrispondu fl-affermattiv għal dik id-domanda, b'mod partikolari s-sentenzi ta' riferiment, tas-17 ta' Marzu 2011, Carvalho Ferreira Santos[9], u tad-9 ta' Ġunju 2011, Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio[10], din il-kawża toffri l-opportunità li tiġi kkonfermata dik il-ġurisprudenza b'deċiżjoni tal-Awla Manja — u, għalhekk, din titpoġġa fuq bażi ġurisprudenzjali iktar solida — jew, jekk ikun il-każ, tiġi ċċarata.

5 — Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10, iktar 'il quddiem, l-"Ewwel Direttiva").

6 — Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3, iktar 'il quddiem, it-"Tieni Direttiva").

7 — Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249, iktar 'il quddiem, it-"Tielet Direttiva").

8 — Jirriżulta minn studju kkummissjonat mill-Kummissjoni li n-nuqqas li jintlibes iċ-ċintorin ta' sigurtà huwa, wara l-eċċess ta' veloċità u l-alkoħol fis-sewwieq, il-kawża l-iktar frekwenti ta' mwiet fl-inċidenti tas-sewqan. Hija waslet għall-konklużjoni li miżuri maħsuba sabiex isaħħu l-obbligu li jintlibes iċ-ċintorin tas-sigurtà jistgħu jsalvaw sa 7 300 ħajja fis-sena fl-Unjoni Ewropea [*Commission Staff Working Document - Respecting the rules, better road safety enforcement in the European Union*, COM(2008) 151]. Fil-White Paper tagħha tat-12 ta' Settembru 2001 dwar il-politika Ewropea fuq it-trasport [COM(2001) 370 finali], il-Kummissjoni kienet ipproponiet li l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi l-għan li tnaqqas bin-nofs in-numru ta' mwiet fit-toroq sal-2010. Diversi inizjattivi leġiżlattivi kienu ġew imnedija fil-kuntest ta' dan il-programm ta' azzjoni, fosthom direttivi li jaħsbu sabiex il-vetturi bil-mutur kollha jkunu mgħammra b'ċintorini ta' sigurtà u sabiex jestendu l-obbligu li jintlibes taċ-ċintorin ta' sigurtà, għas-sedili kollha f'dawn il-vetturi bil-mutur. L-ilbies obbligatorju taċ-ċintorin ta' sigurtà kien ġie inizjalment introdott bid-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 353), emendata bid-Direttiva 2003/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' April 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 277). Fil-bidu, din kienet tapplika biss għal vetturi ta' inqas minn 3.5 tunellati mgħammra b'sistema tat-trażżin u, għal ċerti vetturi oħra (karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief), ma kinitx timponi l-obbligu li jintlibes iċ-ċintorin fis-sedili ta' wara. Wara l-2006, l-ilbies taċ-ċintorin ta' sigurtà sar obbligatorju fil-vetturi kollha.

9 — C-484/09, Ġabra p. I-1821.

10 — C-409/09, Ġabra p. I-4955.

II – Il-kuntest leġiżlattiv

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

5. Kien fl-1972 li l-leġiżlatur tal-Unjoni ta bidu, permezz ta' direttivi, għall-proċess ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur [11].

6. L-Ewwel Direttiva tistipula l-abolizzjoni tal-kontrolli tal-karta l-ħadra fil-fruntieri u l-introduzzjoni, fl-Istati Membri kollha, ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili li tkopri d-danni li jkunu seħħew fit-territorju Komunitarju.

7. Billi jibbaża ruħu fuq il-prinċipju li l-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku, ladarba tiġi stabbilita r-responsabbiltà, għandhom id-dritt li jiġu kkumpensati minn debitur li jkun f'pożizzjoni li jħallas, l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva jistipula kif ġej:

"Kull Stat Membru għandu […] jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi normalment ibbażati fit-territorju tiegħu [t]kun kopert[a] minn assigurazzjoni. Il-limiti koperti tar-responsabbiltà u l-kondizzjonijiet tal-kopertura għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi ta' dawn il-miżuri."

8. Barra dan, l-Artikolu 3(2) ta' din l-Ewwel Direttiva jistipula, *inter alia*, dan li ġej:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha approprjati biex jassigura li l-kuntratt ta' l-assigurazzjoni jkopri wkoll: — skond il-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra, kull telf jew inġurja kkawżata fit-territorju ta' dawk l-Istati, […]".

9. It-Tieni Direttiva kellha l-ħsieb li tarmonizza diversi elementi materjali ta' din l-assigurazzjoni obbligatorja bl-iskop li tiggarantixxi livell minimu ta' protezzjoni lill-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku u li tnaqqas id-diskrepanzi eżistenti fl-Unjoni fil-portata ta' protezzjoni mogħtija minn din l-assigurazzjoni.

10. L-Artikolu 2(1) tat-Tieni Direttiva jistipula kif ġej:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li kull dispożizzjoni statutorja jew kull klawżola kontrattwali li tkun tinstab fil-polza ta' l-assigurazzjoni maħruġa skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166/KEE, li teskludi mill-assigurazzjoni l-użu jew is-sewqan ta' vetturi minn:

— persuni li ma jkollhomx l-awtorizzazzjoni espressa jew implikata għal dan;

jew

— persuni li ma jkollhomx liċenzja li tippermettilhom isuqu l-vettura kkonċernata

jew

— persuni li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tekniċi statutorji li jikkonċernaw il-kondizzjoni u s-sigurtà tal-vettura kkonċernata, għandha,

11 — Ara, għal ħarsa ġenerali storika tal-armonizzazzjoni fil-qasam tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur, il-punti 45 *et seq* tal-konklużjonijiet tiegħi tas-7 ta' Diċembru 2010 fis-sentenza Carvalho Ferreira Santos (sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9), kif ukoll F. Reichert-Facilidades, "Europäisches Versicherungsvertragsrecht?", *Festschrift für Ulrich Drobnig zum siebzigsten Geburtstag* (editjat minn J. Basedow/K. J. Hopt/H. Kötz), Tübingen 1998, p. 127 u U. Lemor, *Kommentar zur Kraftfahrtversicherung* (editjat minn H. Feyock/Peter. Jacobsen/Ulf. Lemor), Tielet Edizzjoni, Munich 2009, Parti 1, punt 5.

għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166/KEE, titqies nulla fir-rigward ta' pretensjonijiet minn partijiet terzi li kienu vittmi ta' inċident.

Madanakollu d-dispożizzjoni jew il-klawsola msemmija fl-ewwel inċiż tista' tiġi invokata kontra persuni li minn jeddhom daħlu fil-vettura li kkaġunat id-danni jew il-korriment, meta l-assiguratur jista' jipprova li dawn kienu jafu li l-vettura kienet misruqa […]"

11. It-Tielet Direttiva ġiet adottata bl-iskop li jiġu ċċarati wħud mid-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili, peress li kienu għadhom jeżistu diskrepanzi sostanzjali fil-portata tal-kopertura pprovduta minn dan it-tip ta' assigurazzjoni.

12. L-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 84/5/KEE, l-assigurazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166/KEE għandha tkopri r-responsabbiltà għal korrimenti fuq il-persuna tal-passiġġieri, apparti minn għax-xufier, li joriġinaw mill-użu ta' vettura […]"

13. L-Artikolu 1a ta' din l-istess direttiva jipprovdi kif ġej:

"L-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166/KEE għandha tkopri danni personali u ħsara lill-proprjetà mġarrba minn dawk li jkunu mexjin, ċiklisti u dawk li jużaw it-triq mingħajr mutur li, bħala konsegwenza ta' inċident fejn vettura b'mutur tkun involuta, huma intitolati għal kumpens skond il-liġi ċivili nazzjonali. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju kemm għar-responsabbiltà ċivili kif ukoll għall-ammont ta' danni"

14. Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, li daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Ottubru 2009[12], tikkodifika d-direttivi msemmija iktar 'il fuq, li għalhekk ġew imħassra. Peress li l-fatti li huma l-bażi tal-kawża prinċipali seħħew ħafna qabel ma daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2009/103/KE, huma biss l-imsemmija direttivi li japplikaw għall-każ inkwistjoni.

15. L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/103 jipprovdi dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1), l-assigurazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3 għandha tkopri r-responsabbiltà għal danni personali tal-passiġġieri kollha, minbarra x-xufier, ikkawżati mill-użu ta' vettura.

[…]

3. L-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) għandha tkopri danni personali u ħsara lill-proprjetà li jsofru dawk li jkunu mexjin, ċiklisti u dawk li jużaw it-triq mingħajr vettura bil-mutur li, b'konsegwenza ta' inċident fejn vettura b'mutur tkun involuta, huma intitolati għal kumpens skond il-liġi ċivili nazzjonali"

12 — ĠU L 263, p. 11.

B – *Id-dritt nazzjonali*

16. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Portugiż li huma applikabbli għall-kawża prinċipali jipprovdu kif ġej:

17. L-Artikolu 503(1): "Kull persuna li effettivament issuq vettura bil-mutur u li tużaha għall-ħtiġijiet tagħha, anki jekk permezz ta' persuna inkarigata minnha, hija responsabbli għad-danni li jirriżultaw mir-riskji konnessi mal-vettura nnifisha, kemm jekk tintuża u kemm jekk ma tkunx qed tintuża".

18. L-Artikolu 504(1): "Ir-responsabbiltà għad-danni kkawżati minn vetturi topera favur terzi, kif ukoll il-persuni passiġġieri".

19. L-Artikolu 505 jipprovdi, taħt it-titolu "Esklużjoni tar-responsabbiltà" li "[b]la ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 570, ir-responsabbiltà stabbilita fl-Artikolu 503(1) ma hijiex eskluża ħlief meta l-inċident ikun seħħ ħtija tal-vittma nnifisha jew ta' terz, jew meta jkun seħħ minħabba forza maġġuri esterna għall-funzjonament tal-vettura".

20. Taħt it-titolu "Ħtija tal-parti leża", l-Artikolu 570 jipprovdi dan li ġej:

"1. Meta l-vittma tkun, bi ħtija tagħha, ikkontribwixxiet għall-okkorrenza jew għall-aggravament tad-danni, il-qorti kompetenti għandha, fid-dawl tal-gravità tal-ħtija ta' parti waħda jew l-oħra, u tal-konsegwenzi li jirriżultaw minnha, tiddetermina jekk il-kumpens għandux jingħata kollu, jekk għandux jitnaqqas jew jekk għandux jiġi eskluż għal kollox.

2. Jekk ir-responsabbiltà tkun ibbażata fuq sempliċi preżunzjoni ta' ħtija, il-ħtija tal-vittma, sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, teskludi l-obbligu li jingħata kumpens."

III – Il-fatti, il-proċedura prinċipali u d-domanda preliminari

21. Fit-12 ta' Ġunju 2004, seħħet ħabta frontali bejn żewġ vetturi fuq triq reġjonali. Waħda minn dawn iż-żewġ vetturi ma kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni valida u effettiva. V. Marques Almeida kien qiegħed jivvjaġġa bħala passiġġier f'waħda miż-żewġ vetturi. Waqt il-ħabta, huwa ntefa' kontra l-windskrin ta' dik il-vettura. Din inkisret, u dan ikkaġunalu qtugħ fondi f'rasu u f'wiċċu.

22. V. Marques Almeida ppreżenta rikors quddiem il-qorti ċivili kompetenti fl-ewwel istanza sabiex jitlob li jiġu kkundannati *in solidum* għad-danni l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vettura bil-mutur tad-detentur ta' waħda mill-vetturi, is-sewwieq u s-sid tal-vettura li ma kinitx assigurata, kif ukoll il-Fundo de Garantia Automovel (iktar 'il quddiem, il-"fond ta' garanzija"). Dan ir-rikors kien ġie miċħud għaliex l-ebda wieħed mis-sewwieq ma seta' jinstab ħati tal-inċident. Il-qorti adita kienet iddeċidiet favur il-konvenuti, billi qieset li effettivament il-feriti kkonstatati fuq il-persuna ta' V. Marques Almeida kienu ħtija tiegħu, billi huwa ma kienx qafel iċ-ċintorin ta' sigurtà tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 82(1) tal-Kodiċi tat-Traffiku Portugiż. Għaldaqstant, hija kkunsidrat li obbligu li jitħallas kumpens kellu jiġi eskluż skont l-Artikolu 505 tal-Kodiċi Ċivili Portugiż.

23. V. Marques Almeida appella minn din is-sentenza. Il-qorti tar-rinviju, li kienet qed tisma' dan l-appell, kellha dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Portugiżi fil-qasam ta' responsabbiltà ċivili applikabbli għall-kawża prinċipali, billi dawn jipprovdu tnaqqis, jew anki telf tad-dritt għal kumpens tal-parti leża meta din tkun ikkontribwixxiet għall-okkorrenza

tad-danni. Hija tirreferi f'dan ir-rigward għas-sentenza Farrell [13], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "huwa biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali li, abbażi ta' evalwazzjoni individwali u fir-rispett tad-dritt komunitarju, l-estensjoni ta' tali kumpens ikun jista' jitnaqqas" [14].

24. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li hija neċessarja interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-direttivi dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja, bl-għan li tingħata deċiżjoni preliminari:

"1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3(1) tal-[Ewwel Direttiva], 2(1) tat-[Tieni Direttiva] u 1 u 1a tat-[Tielet Direttiva] għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu lid-dritt ċivili nazzjonali, b'mod partikolari permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 503(1), 504, 505 u 570 tal-Código Civil (Kodiċi Ċivili) milli jimponi li f'każ ta' ħabta bejn żewġ vetturi, fejn il-fatt mhuwa imputabbli fuq l-ebda wieħed mis-sewwieqa minħabba tort, li tagħat lok għal danni fiżiċi lill-passiġġier ta' waħda minn dawn il-karozzi (il-persuna ddanneġġjata li qed titlob kumpens), il-kumpens li dan il-passiġier jitlob jiġi rrifjutata jew limitat minħabba li l-imsemmi passiġġier kien ikkontribwixxa għall-ħolqien tad-danni, sa fejn fil-karozza kien bil-qegħda ħdejn ix-xufier, mingħajr ma libes iċ-ċinturin tas-sigurtà, kif rikjest mil-leġiżlazzjoni nazzjonali?

2. Filwaqt li ntwera li meta ġrat il-ħabta bejn iż-żewġ vetturi involuti, il-passiġġier ħabat rasu bil-qawwa mal-windskrin, tant li kissirha, u b'hekk kellu diversi qtugħ fondi f'rasu u f'wiċċu.

3. U fid-dawl tal-fatt li, peress li waħda mill-vetturi involuti ma kinitx koperta b'assigurazzjoni valida u effettiva ma' xi assiguratur meta seħħ l-inċident, huma konvenuti fl-azzjoni, minbarra l-assiguratur tal-vettura l-oħra involuta, is-sid tal-vettura mingħajr assigurazzjoni, ix-xufier tagħha u l-Fundo de Garantia Automóvel [il-Fond ta' Garanzija tal-Karozzi] li, sa fejn hija involuta responsabbiltà oġġettiva, jistgħu jkunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-imsemmi kumpens?"

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

25. Id-deċiżjoni tar-rinviju, tat-22 ta' April 2010, waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ġunju 2010.

26. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn V. Marques Almeida, mill-Gvern Portugiż u l-Gvern Ġermaniż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea, fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27. Waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2012, ir-rappreżentanti tal-Gvern Portugiż u Ġermaniż, kif ukoll tal-Kummissjoni, dehru sabiex jagħmlu l-osservazzjonijiet orali.

V – Argumenti prinċipali tal-partijiet

28. *V. Marques Almeida* jqis li d-direttivi ċċitati iktar 'il fuq jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt intern li tippermetti li jiġi miċħud jew limitat id-dritt għal kumpens tal-parti leża. Huwa jirreferi f'dan ir-rigward għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li huwa jqis li hija intiża sabiex tiggarantixxi protezzjoni effettiva lill-passiġġieri ta' vettura involuta f'inċident. Barra minn hekk, huwa jinvoka l-għan

13 — Sentenza tad-19 ta' April 2007, Farrell (C-356/05, Ġabra p. I-3067).

14 — *Ibidem*, punt 35.

tal-imsemmija direttivi li huwa jqis li jikkonsisti fl-armonizzazzjoni tad-dritt tal-Istati Membri u fil-protezzjoni tad-drittijiet għal kumpens ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku. Huwa jargumenta li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni billi din tillimita dan id-dritt għal kumpens.

29. Barra minn hekk V. Marques Almeida jargumenta li huwa ma kkontribwixxiex għall-inċident tat-traffiku. Irrispettivament minn dan, lanqas ma ntwera li l-feriti tiegħu setgħu jiġu evitati li kieku huwa libes iċ-ċintorin ta' sigurtà tiegħu. Huwa jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sewwieq tal-vettura l-oħra ma kienx ferut, minkejja li lanqas huwa ma kien liebes iċ-ċintorin ta' sigurtà tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa ma setax jinżamm responsabbli għall-feriti li huwa sofra u għaldaqstant ma teżisti l-ebda raġuni sabiex jiġi miċħud lilu d-dritt għal kumpens.

30. Il-*Gvern Portugiż*, kif ukoll il-*Gvern Ġermaniż* u l-*Kummissjoni*, għall-kuntrarju jargumentaw fis-sens li d-direttivi ċċitati iktar 'il fuq ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ. Bħala motivazzjoni, huma jargumentaw li la l-kliem u lanqas l-għan tad-direttivi inkwistjoni ma jissuġġerixxu li huma intiżi għal armonizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili, iżda li huma għandhom verament il-ħsieb, minn naħa, li jinkoraġġixxu l-moviment ħieles tal-vetturi normalment ibbażati fuq it-territorju tal-Unjoni, kif ukoll tal-persuni li jivvjaġġaw fihom u, min-naħa l-oħra, li jiggarantixxu l-ugwaljanza fit-trattament tal-persuni leżi ġewwa l-Unjoni. Għal dan l-għan, id-direttivi jeżiġu li r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi normalment ibbażati fuq it-territorju nazzjonali tkun koperta b'assigurazzjoni. Huma jippreskrivu wkoll it-tip ta' danni u l-grupp ta' persuni leżi li dik l-assigurazzjoni hija msejħa tkopri.

31. Fil-fehma tagħhom, din il-liġi li tirrigwarda l-portata tal-kopertura, hija madankollu distinta mill-obbligu ta' ħlas ta' kumpens tal-assigurat lejn il-parti leża skont id-dritt nazzjonali tar-responsabbiltà ċivili. Dan jaqa' fil-kompetenza leġiżlattiva tal-Istati Membri. Għaldaqstant, huwa esklużivament abbażi tas-sistema ta' responsabbiltà ċivili applikabbli skont id-dritt nazzjonali li għandha tiġi deċiża l-kwistjoni dwar jekk id-dritt għal kumpens tal-parti leża jistax jiġi eskluż jew limitat minħabba li hija tkun ikkontribwixxiet għall-okkorenza tad-dannu lilha nfisha. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà kkonfermat dan fis-sentenzi Carvalho Ferreira Santos [15] kif ukoll Ambrosió Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio [16]. Is-sitwazzjoni li wasslet għal din il-kawża tiddeskrivi ruħha b'mod kważi identiku għal dawk li wasslu għal dawk iż-żewġ sentenzi. Madankollu, id-dettalji tal-problema ma humiex l-istess bħal dawk fil-kawżi Farrell [17] u Candolin *et* [18] billi l-limitazzjoni tal-obbligu tal-ħlas ta' kumpens mill-assigurazzjoni hija, f'dan il-każ, konsegwenza tad-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili u mhux tad-dritt dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili, bħal ma kien il-każ f'dawn iż-żewġ kawżi. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gvern Portugiż u l-Gvern Ġermaniż, l-istess bħall-Kummissjoni, ma jarawx raġuni sabiex jiġu skartati l-prinċipji ta' ġurisprudenza li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet fis-sentenzi Carvalho Ferreira Santos kif ukoll Ambrosió Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio.

15 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

16 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

17 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

18 — Sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005 (C-537/03, Ġabra p. I-5745).

VI – Evalwazzjoni ġuridika

A – *Kummenti introduttivi*

32. Kif iddikjarajt fl-introduzzjoni, din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tadotta mill-ġdid pożizzjoni fuq il-kwistjoni tar-relazzjoni bejn iż-żewġ oqsma tal-liġi applikabbli għall-implementazzjoni tad-dritt għal kumpens tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku — id-dritt dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur u d-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili f'każ ta' inċidenti tat-traffiku. Jidher essenzjali li jiġu analizzati l-punti ta' konnessjoni bejn dawn iż-żewġ oqsma, peress li ma huwiex eskluż li r-rekwiżiti maħluqa mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam armonizzat tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur jistgħu jaffettwaw id-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili fl-Istati Membri. Ir-rilevanza ta' din il-kwistjoni tidher preċiżament meta, kif tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju, teżisti probabbiltà li l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlatur tal-Unjoni permezz tad-direttivi dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur jitwarrbu, punt li għandu jiġi eżaminat separatament. Il-kwistjoni ċentrali li tqum f'dan il-każ hija jekk dawn ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi l-possibbiltà, f'każ ta' ħabta bejn żewġ vetturi fejn il-ħtija ma hija imputabbli lil ebda wieħed mis-sewwieqa involuti, li jiġi miċħud jew limitat id-dritt għal kumpens ta' passiġġier ferut meta jiġi stabbilit li dan ikkontribwixxa għall-okkorrenza tad-dannu lilu nnifsu.

33. Waqt l-evalwazzjoni ta' din il-kwistjoni tad-dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha teżamina jekk il-linja ġurisprudenzjali li hija adottat sa issa f'dan il-qasam hijiex trasponibbli għall-kawża prinċipali jew jekk din għandhiex possibbilment tiġi ċċarata. Sabiex noffri lill-Qorti tal-Ġustizzja bażi effettiva għad-deċiżjoni tagħha, ser nipproċedi għal analiżi fi tliet stadji: fl-ewwel lok, sejjer nagħti ħarsa ġenerali fil-qosor lejn il-ġurisprudenza, u fil-kuntest ta' dan sejjer nippreżenta fil-qosor id-dettalji tal-problema. Imbagħad, sejjer neżamina l-kwistjoni tal-applikabbiltà ta' din il-ġurisprudenza għal din il-kawża, filwaqt li nqis il-fatti partikolari tagħha. Fl-aħħar lok, ser nistaqsi jekk, fid-dawl tal-konklużjonijiet li nasal għalihom, jidhirx meħtieġ li tiġi ċċarata jew anki immodifikata din il-ġurisprudenza.

34. Qabel ma nkompli, mhux ser naħbi li miniex konvint li din il-kawża tiġġustifika evalwazzjoni differenti, fid-dritt, minn dik li saret fis-sentenzi Carvalho Ferreira Santos [19] kif ukoll Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio [20]. Fil-fehma tiegħi, għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' separazzjoni netta bejn iż-żewġ oqsma ta' dritt imsemmija iktar 'il fuq [21]. Peress li huwa unikament id-dritt dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur li kienet is-suġġett ta' armonizzazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni, id-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili f'każ ta' inċidenti tat-traffiku għandu fil-prinċipju jibqa' intatt. Kull konklużjoni oħra bilkemm tista' tiġi rrikkonċiljata mar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni. L-abbandun tad-dritt nazzjonali permezz ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur jista' jiġi kkunsidrat biss jekk jidher li l-għanijiet li

19 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

20 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

21 — Ara G. Caradonna, "Responsabilità civile da circolazione dei veicoli", *Giurisprudenza italiana – Recentissime dalle Corti europee*, 2011, p. 761; V. Michel, "Assurance automobile obligatoire et responsabilité civile", *Europe*, Mejju 2011 punt 5, p. 44 u, tal-istes awtur, "Indemnisation de la victime fautive", *Europe*, Awwissu 2011, punt 8, p. 43, li jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li għandha ssir distinzjoni bejn l-obbligu ta' kopertura tad-danni lit-terzi riżultanti minn inċidenti fit-triq, minn naħa, u l-qsim tar-responsabbiltà ċivili bejn is-sewwieqa involuti, min-naħa l-oħra, billi dan it-tieni aspett jirrigwarda esklużivament il-kompetenza leġiżlattiva tal-Istati Membri. Ara, fuq il-prinċipju msejjaħ tas-separazzjoni tas-sistema tar-responsabbiltà ċivili u tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili, H. Baumann, "Zur Überwindung des Trennungsprinzips im System von Haftpflicht und Haftpflichversicherung", *Festgabe Zivilrechtslehrer 1934/1935* (editjat minn W. Hadding), Berlin 1999, p. 13, kif ukoll C. Von Bar, "Das Trennungsprinzip und die Geschichte des Wandels der Haftpflichtversicherung", *Archiv für die civilistische Praxis*, 1981, Nru 181, p. 289, li jitkellem kontra l-importazzjoni tal-partikolaritajiet tad-dritt dwar l-assigurazzjonijiet fid-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili, u dan jidher li jissuġġerixxi li fid-dritt nazzjonali teżisti separazzjoni netta bejn dawn iż-żewġ oqsma ġuridiċi. N. Jansen, *Die Struktur des Haftungsrechts*, Tübingen 2003, p. 115, ċertament jinnota n-natura aċċessorja tad-dritt ta' azzjoni diretta kontra l-kumpannija ta' assigurazzjoni fil-konfront tar-responsabbiltà nfisha imma, fl-istess ħin, jinsisti fuq id-differenzi li jikkaratterizzaw id-dritt dwar ir-responsabbiltà u d-dritt dwar l-assigurazzjoni. Jekk id-dritt dwar ir-responsabbiltà jservi sabiex jikkumpensa d-danni, id-dritt dwar l-assigurazzjoni, min-naħa tiegħu, jaħseb għat-tqassim tal-ispejjeż li jitnisslu mir-responsabbiltà bejn korpi kollettivi.

l-leġiżlatur ried jilħaq meta adotta dawn id-direttivi huma mhedda minn dispożizzjonijiet u prattiki kuntrarji. Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk, kif juru l-paralleli mal-kawża Ambrosió Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili Portugiż inkwistjoni hawnhekk kienu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

B – *Ħarsa ġenerali lejn il-ġurisprudenza*

1. Is-sentenza Carvalho Ferreira Santos

a) Preżentazzjoni fil-qosor tad-dettalji tal-problema

35. Il-kawża Carvalho Ferreira Santos [22] kellha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação do Porto li kienet essenzjalment tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk id-direttivi dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur jipprekludux liġi nazzjonali tad-dritt ċivili li tippermetti, fil-każ fejn il-parti leża tkun ikkontribwixxiet għall-okkorrenza tad-danni, tqassim tar-responsabbiltà proporzjonalment mal-grad ta' kontribut ta' kull waħda mill-vetturi għall-okkorrenza tiegħu, skont ir-riskju inerenti għas-sewqan ta' vettura, bil-konsegwenza li dan it-tqassim jirriduċi l-kumpens li l-parti leża bl-inċident setgħet titlob kontra l-assigurazzjoni obbligatorja tal-vettura.

36. Din it-talba kienet saret fil-kuntest ta' kawża bejn M. Carvalho kontra kumpannija ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur, dwar il-kumpens totali tad-danni materjali u dawk mhux materjali li huwa sofra wara inċident tat-traffiku. M. Carvalho, li kien qed isuq mutur fil-mument tal-inċident kien sofra trawma fil-moħħ wara ħabta ma' vettura żgħira. Il-qorti ċivili li quddiemha tressqet il-kawża kienet iddeċidiet li ebda ħtija ma setgħet tiġi imputata lil xi wieħed fost is-sewwieqa u, billi qieset li kien fadal dubju dwar il-grad ta' kontribut tal-vetturi involuti fl-inċident fl-okkorrenza tad-danni, hija kienet applikat l-Artikolu 506(2) tal-Kodiċi Ċivili Portugiż, billi stabbilixxiet għal 50 % r-responsabbiltà ċivili ta' kull wieħed mis-sewwieqa. Din il-qorti kienet ikkunsidrat li r-responsabbiltà tas-sewwieq tal-vettura li kkaġunat id-danni kienet limitata proporzjonalment għall-kontribut tal-vettura tal-vittma fl-okkorrenza tad-danni msemmija u li l-limitazzjoni ta' din ir-responsabbiltà kienet iġġib magħha limitazzjoni proporzjonali tal-kumpens dovut lill-vittma mill-kumpannija ta' assigurazzjoni bħala assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu tal-vetturi bil-mutur [23].

b) L-argumentazzjoni adottata fil-konklużjonijiet

37. Fil-konklużjonijiet tiegħi tas-7 ta' Diċembru 2010 — li hawnhekk nagħmel riferiment għalihom — jiena kont irrispondejt fl-affermattiv għad-domanda dwar il-kompatibbiltà ta' din il-liġi ta' dritt ċivili mad-dritt tal-Unjoni, essenzjalment għar-raġuni li din ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi rilevanti [24]. Sabiex nasal għal din il-konklużjoni, jiena kont fittixt liema kien il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi billi bbażajt ruħi fuq interpretazzjoni litterali u teleoloġika tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi kkonċernati. F'din l-okkażjoni, jiena kkonludejt li, ċertament, id-direttivi jirregolaw diversi aspetti tad-dritt dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur, iżda li huma ma kellhomx l-għan li jarmonizzaw is-sistemi ta'

22 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

23 — Sentenza Carvalho Ferreira Santos (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punti 11 sa 14.

24 — Ara l-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħi f'din il-kawża.

responsabbiltà ċivili tal-Istati Membri [25]. Jiena kont ikkonkludejt li la l-kriterji materjali għall-imputazzjoni tar-responsabbiltà għad-danni riżultanti minn inċident tat-traffiku u lanqas l-estensjoni tar-responsabbiltà ma jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi [26]. Fid-dawl tal-fatt li, fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oqsma tad-dritt, id-dispożizzjoni Portugiża inkwistjoni kellha taqa' fid-dritt nazzjonali tal-kumpens għad-danni taħt id-dritt ċivili, hija ma setgħetx tiġi kkunsidrata li hija taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi [27].

38. Barra minn hekk, esprimejt ruħi fit-tul [28], f'dawn il-konklużjonijiet, fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Candolin *et* [29] u Farrell [30], u semmejt id-differenzi innegabbli li dawn kellhom mill-kawża Carvalho Ferreira Santos. Kif urejt fid-dettall, is-sitwazzjoni ta' fatt u ta' dritt, fil-kawża Carvalho Ferreira Santos, kienet tiddevja f'punti essenzjali minn dawk li taw lok għall-kawżi Candolin *et* u Farrell, billi hemmhekk kienet kwistjoni tal-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni tad-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili — u mhux, bħal fil-kawżi Candolin *et* kif ukoll Farrell, ta' dispożizzjoni tad-dritt dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur — mad-dritt tal-Unjoni [31]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, traspożizzjoni ta' din il-ġurisprudenza għall-kawża Carvalho Ferreira Santos kienet, fil-fehma tiegħi, esklużа [32].

39. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li rreferejt għalihom fil-qosor hawnhekk, ippproponejt lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domanda preliminari fis-sens li d-Direttivi 72/166, 84/5 u 90/232 ma jipprekludux liġi nazzjonali tad-dritt ċivili li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn seħħet ħabta bejn diversi vetturi fejn il-ħtija ma kinitx imputabbli lil xi wieħed fost is-sewwieqa u li kienet wasslet għal danni personali u materjali fuq wieħed minnhom, kellha l-effett li tirriduċi bin-nofs id-dritt tal-parti leża bbażat fuq ir-responsabbiltà għar-riskju.

c) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

40. Il-Qorti tal-Ġustizzja adottat din il-proposta fis-sentenza Carvalho Ferreira Santos [33], kif ukoll fir-raġunament ġuridiku tagħha li, kif sejjer nuri hawnhekk, taqbel ħafna ma' dak żviluppat fil-konklużjonijiet ċċitati iktar 'il fuq.

41. Il-punt tat-tluq ta' dan ir-raġunament huwa l-konstatazzjoni li l-obbligu ta' kopertura mill-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili għal danni kkaġunati lil terzi minn vetturi bil-mutur hija distinta mill-estensjoni tal-kumpens tagħhom taħt ir-responsabbiltà ċivili tal-assigurat. Fil-fatt, filwaqt li l-ewwel waħda hija ddefinita u ggarantita bil-liġi tal-Unjoni, it-tieni waħda hija rregolata, essenzjalment,

25 — Ara, diġà, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 2000, Mendes Ferreira u Delgado Correia Ferreira (C-348/98, Ġabra p. I-6711, punti 23 u 29). Dwar l-interpretazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet Direttiva applikabbli għall-Istati EFTA/ŻEE, ara l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-EFTA (skont il-prinċipju ta' omoġeneità previst mid-dritt ŻEE), b'mod partikolari s-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2001, Helgadóttir (E-700, punt 30), u tal-20 ta' Ġunju 2008, Nguyen (E-8/07, punt 24). Id-Direttivi huma applikabbli wkoll għall-Istati EFTA/ŻEE bis-saħħa tal-punti 8, 9 u 10 tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE. Il-ġurisprudenza fil-qasam tad-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili tal-vetturi bil-mutur fiż-Żona Ekonomika Ewropea kienet ġiet influwenzata minn dan l-iskambju bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti tal-EFTA, li infirex fuq ħafna snin. Ara, dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' dan id-djalogu ta' natura unika, C. Baudenbacher, "Some thoughts on the EFTA Court's phases of life", *Judicial Protection in the European Economic Area*, Stuttgart 2012, p. 11 *et seq*, kif ukoll "The EFTA Court, the ECJ, and the Latter's Advocates General – a Tale of Judicial Dialogue", *Continuity and Change in EU Law – Essays in Honour of Sir Francis Jacobs* (editjat minn A. Arnull/T. Tridimas), Oxford 2008, p. 90 *et seq*.

26 — *Ibidem*, punt 59.

27 — *Ibidem*, punt 60.

28 — *Ibidem*, punti 50 sa 53, 61 u 70 *et seq*.

29 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 18.

30 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 13.

31 — Konklużjonijiet fil-kawża Carvalho Ferreira Santos, punti 61 u 70. Ara M. Micha, *Der Direktanspruch im europäischen Internationalen Privatrecht*, Tübingen 2010, p. 72 *et seq*, li janalizza s-sentenza Farrell esklużivament mill-perspettiva tad-dritt dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili.

32 — *Ibidem*, punt 74.

33 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

mil-liġi nazzjonali [34]. Filwaqt li rreferiet għas-sentenzi Candolin *et* [35] u Farrell [36], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-direttivi dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur ma kinux intiżi sabiex jarmonizzaw is-sistemi ta' responsabbiltà ċivili tal-Istati Membri u li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, dawn jibqgħu liberi li jiddeterminaw is-sistema ta' responsabbiltà ċivili applikabbli għall-inċidenti li jirriżultaw mill-użu tal-vetturi [37] u, b'mod partikolari, li jippreċiżaw it-tip ta' responsabbiltà ċivili, għal ħtija jew għal riskju, fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, li għandha tkun koperta bl-assigurazzjoni obbligatorja [38]. Madankollu jirriżulta b'mod ċar mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, irrispettivament minn din id-distinzjoni bejn l-aspetti differenti tal-liġi, dawn huma xorta waħda marbuta sal-punt fejn l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li r-responsabbiltà ċivili applikabbli skont id-dritt nazzjonali tagħhom tkun koperta minn assigurazzjoni li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tat-tliet direttivi hawn fuq imsemmija [39].

42. Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kriterji ċċitati iktar 'il fuq tal-ġurisprudenza Candolin *et* u l-applikabbiltà tagħhom possibbli għall-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddefendiet analiżi simili għal dik li jiena żviluppajt fil-konklużjonijiet tiegħi. Fil-fatt hija kkunsidrat li l-fatt li dispożizzjoni nazzjonali fil-qasam ta' responsabbiltà ċivili, bħal ma hija dik tal-Artikolu 506 tal-Kodiċi Ċivili Portugiż, jipproċedi għat-tqassim tar-responsabbiltà ċivili tad-danni kkaġunati wara ħabta bejn żewġ vetturi bil-mutur fin-nuqqas ta' ħtija imputabbli lis-sewwieqa, ma jċaħħadx fih innifsu lid-direttivi mill-effettività tagħhom, għaliex din id-dispożizzjoni ma taffettwax il-garanzija, prevista mid-dritt tal-Unjoni, li s-sistema ta' responsabbiltà ċivili, applikabbli skont id-dritt nazzjonali, għandha tkun koperta minn assigurazzjoni konformi mad-dispożizzjonijiet tat-tliet direttivi msemmija hawn fuq [40].

43. Sabiex issostni r-raġunament tagħha fuq interpretazzjoni bbażata fuq l-istruttura tat-testi, il-Qorti tal-Ġustizzja invokat ukoll id-direttivi reċenti dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur, billi sostniet li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tagħhom li, irrispettivament mill-prinċipju tal-kopertura tad-danni personali u materjali mill-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur, ir-responsabbiltà u l-ammont tal-kumpens f'każ ta' inċidenti tat-traffiku, fihom infushom, kienu bbażati fuq is-sistema nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili [41]. Hija tiċċita bħala eżempju l-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva, inserit fiha bid-Direttiva 2005/14/KE [42], li jipprovdi li l-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 72/166/KEE tkopri d-danni personali u materjali subiti minn dawk li jkunu mexjin, iċ-ċiklisti u dawk kollha li jużaw it-triq mingħajr vettura bil-mutur li, wara inċident li jinvolvi vettura bil-mutur, għandhom id-dritt għal kumpens skont id-dritt ċivili nazzjonali. Din l-istess dispożizzjoni tippreċiża espressament ukoll li hija mingħajr preġudizzju kemm għar-responsabbiltà ċivili kif ukoll għall-ammont ta' danni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ukoll irreferiet għall-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/103, minn fejn jirriżulta li l-kopertura mill-assigurazzjoni obbligatorja tad-danni kkaġunati lill-kategoriji speċifiċi ta' vittmi, b'mod partikolari dawk li jużaw it-triq mingħajr vettura bil-mutur u l-passiġġieri, la tippreġudika r-responsabbiltà u lanqas l-ammont tal-kumpens għal dawn id-danni.

34 — *Ibidem*, punt 31.

35 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18.

36 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

37 — *Ibidem*, punt 32.

38 — *Ibidem*, punt 33.

39 — *Ibidem*, punt 34.

40 — *Ibidem*, punt 44.

41 — *Ibidem*, punt 45.

42 — Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 72/166/KEE, 84/5/KEE, 88/357/KEE u 90/232/KEE u d-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 149, p. 14).

44. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 3(1) tal-Ewwel Direttiva, l-Artikolu 2(1) tat-Tieni Direttiva u l-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva kellhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux liġi nazzjonali li, meta ħabta bejn żewġ vetturi tikkaġuna danni mingħajr ma jkun jista' jiġi imputat xi tort lis-sewwieqa, taqsam ir-responsabbiltà fir-rigward tad-danni msemmija proporzjonalment skont il-grad ta' kontribut ta' kull waħda mill-vetturi għat-twettiq ta' dawn id-danni u, f'każ ta' dubju dwar dan il-punt, tiffissa l-imsemmi grad ta' kontribut b'mod ugwali [43].

2. Il-kawża Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio

a) Preżentazzjoni fil-qosor tad-dettalji tal-problema

45. Il-kawża Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio kellha bħala suġġett domanda għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal de Justiça li kienet essenzjalment tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Direttiva għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu liġi nazzjonali li tillimita jew teskludi d-dritt għal kumpens tal-vittma ta' inċident li jinvolvi vettura bil-mutur minħabba l-kontribut, parzjali jew esklużiv, tagħha għall-okkorrenza tad-danni [44].

46. Dik it-talba kienet saret fil-kuntest ta' kawża bejn J. M. Ambrósio Lavrador u M. C. Olival Ferreira Bonifácio u kumpannija ta' assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur dwar il-ħlas ta' kumpens minn din tal-aħħar tad-danni subiti mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali wara inċident tat-traffiku li seħħ bejn it-tifel minorenni tagħhom, li kien qed isuq rota, u vettura li kellha r-responsabbiltà ċivili tagħha koperta minn din il-kumpannija [45]. Mid-deċiżjoni tar-rinviju kien jirriżulta li l-kawża għall-ħlas tad-danni mill-ġenituri kienet ġiet miċħuda kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell għar-raġuni li l-inċident, li kien wassal għall-mewt tal-iben, kien ġie kkawżat minnu, għaliex kien qed isuq kontra d-direzzjoni tat-traffiku u naqas milli jirrispetta r-regoli ta' preċedenza.

47. Peress li kellu dubji dwar il-kompatibbiltà tas-sistema ta' responsabbiltà ċivili applikata mal-ġurisprudenza Candolin *et*, is-Supremo Tribunal de Justiça kien iddeċieda li jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja xi kjarifiki fuq il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva kienx jipprekludi li d-dritt ċivili Portugiż, b'mod partikolari permezz tal-Artikoli 503(1), 504, 505 u 570 tal-Kodiċi Ċivili, fil-każ ta' inċident tat-traffiku, jiċħad jew jillimita d-dritt għal kumpens ta' minorenni, hija nfisha vittma tal-inċident, unikament għar-raġuni li huwa jitqies li kien parzjalment, jew anki esklużivament, ikkontribwixxa għall-okkorrenza tad-danni.

b) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

48. Peress li l-konklużjonijiet kienu diġà inqraw fil-kawża Carvalho Ferreira Santos u li l-kawża Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio ma kienet tqajjem l-ebda kwistjoni ġdida ta' dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tiġi deċiża mingħajr ma jiġu ppreżentati konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, skont il-ħames paragrafu tal-Artikolu 20 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

43 — Sentenza Carvalho Ferreira Santos, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 46.

44 — Sentenza Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 22.

45 — Ibid., punt 2.

49. Bis-sentenza Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio [46], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-direttivi dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur ma jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrigwardaw id-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili, li jippermettu li jiġi eskluż jew limitat id-dritt tal-vittma ta' inċident li titlob il-ħlas tal-kumpens taħt l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili tal-vettura bil-mutur involuta fl-inċident, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni individwali tal-kontribut esklużiv jew parzjali ta' din il-vittma għad-danni tagħha stess.

50. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet għal raġunament legali simili għal dak tas-sentenza Carvalho Ferreira Santos. Hija bdiet biex tenfasizza l-ħtieġa ta' distinzjoni bejn l-obbligu ta' kopertura minn assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili tad-danni kkaġunati lil terzi bil-vetturi bil-mutur, minn naħa, u l-estensjoni tal-kumpens lil dawn tal-aħħar minħabba r-responsabbiltà ċivili tal-assigurat, min-naħa l-oħra [47]. Fl-istess waqt, hija fakkret li fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni imposta mid-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeterminaw is-sistema ta' responsabbiltà ċivili applikabbli għall-inċidenti li jirriżultaw mill-użu ta' vetturi bil-mutur [48].

51. Bħal fis-sentenza Carvalho Ferreira Santos, il-Qorti tal-Ġustizzja ġibdet l-attenzjoni fuq id-differenza bejn il-kawża prinċipali u ċ-ċirkustanzi li kienu taw lok għas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Candolin *et* kif ukoll Farrell. Bil-kontra ta' dak li kien il-każ f'dawn iż-żewġ kawżi, id-dritt għal kumpens tal-vittma tal-inċident ma kienx affettwat minn limitazzjoni tal-kopertura tar-responsabbiltà ċivili minn dispożizzjonijiet fil-qasam tal-assigurazzjoni, imma minn limitazzjoni tar-responsabbiltà ċivili tas-sewwieq assigurat, bis-saħħa tas-sistema ta' responsabbiltà ċivili applikabbli [49].

52. Din il-konstatazzjoni kienet tistrieħ fuq analiżi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kien jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-Artikoli 503 u 504 tal-Kodiċi Ċivili Portugiż kienu jistabbilixxu, ċertament, responsabbiltà oġġettiva f'każ ta' inċident tat-traffiku. Madankollu, skont l-Artikolu 505 ta' dan il-Kodiċi, ir-responsabbiltà għar-riskju stabbilita bl-Artikolu 503(1) ta' dak il-Kodiċi hija eskluża jekk l-inċident kien imputabbli lill-vittma. Barra minn hekk, meta l-ħtija tal-vittma tkun ikkontribwixxiet għall-okkorrenza jew għall-aggravament tad-danni, l-Artikolu 570 tal-Kodiċi Ċivili Portugiż jistipula li, fid-dawl tal-grad tal-gravità ta' din il-ħtija, l-imsemmija persuna tiġi mċaħħda mill-kumpens kollu jew minn parti minnu [50]. Il-Qorti tal-Ġustizzja fehmet din il-leġiżlazzjoni fis-sens li hija kienet intiża sabiex teskludi r-responsabbiltà għal riskju tas-sewwieq tal-vettura involuta fl-inċident biss meta l-inċident kien esklużivament imputabbli lill-vittma. Fil-każ ta' ħtija tal-vittma li kkontribwixxiet għall-okkorrenza jew għall-aggravament tad-dannu li sostniet, il-kumpens tagħha huwa affettwat b'mod proporzjonali għall-grad ta' gravità ta' din il-ħtija [51].

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddefendiet l-argument li, bil-kontra tal-kuntesti ġuridiċi rispettivi tas-sentenzi Candolin *et* kif ukoll Farrell, l-imsemmija leġiżlazzjoni ma kellhiex l-effett, f'każ li l-vittma tikkontribwixxi għad-dannu sostnut minnha, li teskludi awtomatikament jew li tillimita b'mod sproporzjonat id-dritt tal-vittma, f'dan il-każ dak tal-ġenituri ta' tifel minuri li miet meta kien għaddej bir-rota tiegħu u kien involut f'inċident ma' vettura bil-mutur, għal kumpens mill-assigurazzjoni obbligatorja għal responsabbiltà ċivili tas-sewwieq tal-vettura involuta fl-inċident. Għalhekk hija ma kinitx taffettwa l-garanzija, stabbilita mid-dritt tal-Unjoni, li r-responsabbiltà ċivili, iddeterminata skont id-dritt nazzjonali applikabbli, tkun koperta b'assigurazzjoni konformi mat-tliet direttivi msemmija iktar 'il fuq [52].

46 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10.
47 — *Ibidem*, punt 25.
48 — *Ibidem*, punt 26.
49 — *Ibidem*, punt 31.
50 — *Ibidem*, punt 32.
51 — *Ibidem*, punt 33.
52 — *Ibidem*, punt 34.

54. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-fatt li sistema nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili tirrifjuta lill-persuna leża l-ħlas ta' kumpens għar-raġuni li hija tkun ikkontribwixxiet għall-okkorrenza tad-dannu, fih innifsu ma jċaħħadx lid-direttivi mill-effettività tagħhom, għaliex dan ma jaffettwax il-prinċipju tal-garanzija mill-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur — mixtieqa mid-dritt tal-Unjoni — tad-dritt għal kumpens taħt id-dritt ċivili.

C – *Analiżi ta' din il-kawża*

55. Wara din il-preżentazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-ġurisprudenza attwali, għandu jiġi eżaminat jekk jistgħux jinġibdu xi konklużjonijiet minnhom sabiex tiġi deċiża din il-kawża.

1. Determinazzjoni tas-suġġett tal-interpretazzjoni

56. Xi kummenti preliminari huma madankollu neċessarji fir-rigward tal-portata tas-suġġett tal-interpretazzjoni. Huwa rikonoxxut li l-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti wkoll, jekk hemm bżonn, sabiex tippreċiża jew anki tiformula mill-ġdid domanda preliminari, bl-għan li tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta kemm jista' jkun sħiħa u utli, li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha[53]. Jidhirli neċessarju li d-domanda preliminari tiġi ppreċiżata sal-punt fejn hija intiża parzjalment għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni — jiġifieri dik tal-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva — li ma hijiex applikabbli fil-kawża prinċipali, għal raġunijiet relatati kemm mal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha kif ukoll mal-applikazzjoni tagħha *ratione temporis*.

57. Din id-dispożizzjoni ma hijiex materjalment applikabbli għaliex il-parti leża fil-kawża prinċipali ma tappartjenix għall-grupp ta' persuni li hija tipproteġi. Din id-dispożizzjoni tipprovdi, fil-fatt, li l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur għandha tkopri danni personali u ħsara lill-proprjetà mġarrba minn dawk li jkunu mexjin, ċiklisti u dawk li jużaw it-triq b'vettura mingħajr mutur li, bħala konsegwenza ta' inċident fejn vettura bil-mutur tkun involuta, huma intitolati għal kumpens skont il-liġi ċivili nazzjonali. Madankollu, il-kawża prinċipali tirrigwarda d-dritt għal kumpens ta' passiġġier f'vettura li sofra danni f'inċident.

58. Din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għaliex id-Direttiva 2005/14, li kellha l-effett li tinkludiha fit-Tielet Direttiva, kienet adottata biss fil-11 ta' Mejju 2005. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2005/14 kien stabbilixxa l-iskadenza tat-terminu għal traspożizzjoni fil-11 ta' Ġunju 2007. L-individwi jistgħu, bħala regola ġenerali, jinvokaw id-dispożizzjonijiet ta' direttiva quddiem il-qrati nazzjonali biss wara l-iskadenza ta' dan it-terminu għal traspożizzjoni. Jirriżulta fil-fatt mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li qabel ma jkun skada t-terminu għal traspożizzjoni ta' direttiva, Stat Membru ma jistax jiġi kkritikat talli jkun għadu ma adottax il-miżuri neċessarji sabiex jittrasponiha fil-liġi nazzjonali[54]. Peress li l-inċident tat-traffiku li wassal għall-kawża prinċipali seħħ fit-12 ta' Ġunju 2004, il-possibbiltà li tiġi invokata din id-dispożizzjoni tad-direttiva hija eskluża.

59. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1a tat-Tielet Direttiva tirriżulta inutli għall-finijiet tad-deċiżjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tikkunsidraha li hija parti mis-suġġett li għandu jiġi interpretat. Id-domanda preliminari għandha għalhekk tiġi ppreċiżata fis-sens li t-talba ta' interpretazzjoni ma testendix għal din id-dispożizzjoni tad-direttiva.

53 — Sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, Marks & Spencer (C-62/00, Ġabra p. I-6325, punt 32), u tat-28 ta' Novembru 2000, Roquette Frères (C-88/99, Ġabra p. I-10465, punti 18 u 19). Ara K. Lenaerts, D. Arts, I. Maselis, *Procedural Law of the European Union*, Tieni Edizzjoni, Londra 2006, p. 48 *et seq*, punt 2-021.

54 — Sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, Ġabra p. I-6057, punt 114).

2. Applikabbiltà tal-ġurisprudenza ċċitata iktar ’il fuq għall-kawża prinċipali

60. Issa ser niddiskuti serje ta’ argumenti li, fil-fehma tiegħi, jargumentaw favur l-applikabbiltà għall-kawża prinċipali tal-ġurisprudenza ċċitata iktar ’il fuq, dwar ir-relazzjoni bejn id-dritt ċivili nazzjonali u d-dritt dwar l-assigurazzjoni tal-vetturi, influwenzat, min-naħa tiegħu, mid-dritt tal-Unjoni.

61. Qabelxejn, għandha tingħibed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja, kif ġustament isostnu l-Gvern Portugiż [55] u l-Kummissjoni [56], diġà rrispondiet għal domanda preliminari kważi identika fis-sentenza Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio. Għal dik ir-raġuni fost oħrajn, din is-sentenza għandha importanza partikolari għall-evalwazzjoni tal-kwistjonijiet tad-dritt li tqajjem din il-kawża. Bħal dik il-kawża, din finalment tistaqsi dwar il-konformità mad-direttivi tad-dispożizzjonijiet Portugiżi li jeskludu r-responsabbiltà għar-riskju tal-pussessur tal-vettura wara ħtija mill-parti leża. Jirriżulta kemm mid-domanda preliminari kif ukoll mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili Portugiż li dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili jagħtu lill-qorti, li quddiemha tingħab kawża għad-danni wara inċident tat-traffiku, il-fakultà li tillimita jew anki tiċħad il-kumpens tad-danni meta l-imġiba żbaljata tal-parti leża tkun ikkontribwixxiet għall-okkorrenza jew għall-aggravament tad-danni. Dik il-fakultà hija l-konsegwenza ta’ prinċipju tad-dritt ċivili Portugiż li bis-saħħa tiegħu l-ħtija tal-parti leża jista’ jkollha effett fuq l-ammont tal-kumpens. Skont il-gravità ta’ dik il-ħtija, dan jista’ wkoll iwassal għat-telf sħiħ tad-dritt għal kumpens.

62. Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-istat attwali, li dan il-prinċipju tad-dritt ċivili nazzjonali huwa, bħala regola ġenerali, konformi mad-dritt tal-Unjoni, peress li ż-żewġ sentenzi ċċitati iktar ’il fuq kienu fil-fatt irrikonoxxew li l-Istati Membri huma awtorizzati sabiex jipprovdu kemm għar-riduzzjoni bin-nofs tad-dritt għal kumpens [57] kif ukoll għat-telf totali tagħhom [58] meta dan jidher iġġustifikat. L-ewwel raġuni għal din il-ġurisprudenza tinsab fis-separazzjoni, rikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja, tad-dritt dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta’ vetturi bil-mutur, li huwa suġġett għal ċertu numru ta’ rekwiżiti imposti mid-dritt tal-Unjoni, u tad-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili f’każ ta’ inċidenti tat-traffiku li, min-naħa tiegħu, huwa rregolat mill-prinċipji tad-dritt intern. Sal-punt fejn l-Istati Membri jistgħu b’mod partikolari jippreċiżaw it-tip ta’ responsabbiltà ċivili rigward l-użu tal-vetturi [59], huma liberi li jiddeċiedu, fid-definizzjoni tat-termini tad-dritt nazzjonali tagħhom, li l-ħtija tal-parti leża tista’ jekk ikun il-każ twassal għat-telf tad-dritt għall-kumpens.

63. Il-fatt li l-kawża prinċipali tippreżenta ċerti partikolaritajiet ma għandux, kif josserva korrettament il-Gvern Ġermaniż [60], rilevanza ġuridika fuq ir-risposta għall-ewwel domanda. Dawn il-partikolaritajiet lanqas ma jikkostitwixxu argument favur analiżi differenti. Huma jistgħu l-iktar ikollhom rilevanza għall-evalwazzjoni ġuridika tal-fatti fid-dawl tad-dritt ċivili nazzjonali. Jissemma, b’mod speċifiku, il-fatt li l-passiġġier ferut kien kiser l-obbligu li jilbes iċ-ċintorin ta’ sigurtà; mid-deċiżjoni tar-rinviju, u b’mod partikolari mill-mod li bih hija fformulata d-domanda preliminari jirriżulta li din iċ-ċirkustanza tista’ tikkostitwixxi, skont id-dritt Portugiż, fattur ġuridiku rilevanti li jippermetti li jkun hemm koresponsabbiltà tal-parti leża.

55 — Ara l-punt 35 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Portugiż.

56 — Ara l-punt 41 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

57 — Ara l-punt 44 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

58 — Ara l-punt 49 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

59 — Ara l-punt 41 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

60 — Ara l-punt 4 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż.

64. F'dan ir-rigward, għandha tingħibed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja hija finalment marbuta bl-interpretazzjoni tad-dritt ċivili nazzjonali mogħtija mill-qrati Portugiżi, speċjalment peress li ma hijiex kompetenti la biex tinterpreta d-dritt nazzjonali [61], u lanqas biex tevalwa l-fatti [62]. Fil-kuntest tal-proċedura stabbilita bl-Artikolu 267 TFUE, hija esklużivament il-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta d-dritt nazzjonali u tevalwa l-effetti tiegħu [63]. Mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, evalwazzjoni ġuridika tal-fatti fis-sens iċċitat iktar 'il fuq ma hijiex fi kwalunkwe każ attakkabbli, għaliex id-direttivi dwar l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur ma humiex intiżi preċiżament għall-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' responsabbiltà ċivili tal-Istati Membri. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja hija, f'dan ir-rigward, marbuta bl-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju, għall-finijiet ta' din il-proċedura preliminari, hija rilevanti biss il-klassifikazzjoni minn dik il-qorti ta' fatt — att jew omissjoni — ta' ħtija tal-parti leża li jkun ikkontribwixxa għad-dannu tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex bżonn tindirizza l-argument ta' V. Marques Almeida li l-okkorrenza tad-dannu ma kienx imputabbli lill-ksur tal-obbligu li jintlibes iċ-ċintorin ta' sigurtà [64].

65. Il-fatt li V. Marques Almeida kien ferut gravi lanqas ma jista' jitqies bħala argument li jiġġustifika li s-sitwazzjoni legali tiġi evalwata mod ieħor. Infakkar hawnhekk li fil-kawża li wasslet għas-sentenza Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio, l-aġir meqjus żbaljat kien saħansitra wassal għall-mewt tal-parti leża. Minkejja l-gravità tad-danni subiti, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkonstatatx raġuni sabiex tiskarta l-ġurisprudenza preċedenti tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi miċħud ir-raġunament f'dan is-sens ta' V. Marques Almeida bħala wieħed mhux rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura.

66. Partikolarità oħra li ġiet irrilevata hija ċ-ċirkustanza li waħda mill-vetturi involuti ma kinitx assigurata fil-mument tal-inċident. Madankollu, hawnhekk ukoll, ma narax kif dan il-fatt jista' jkollu xi effett fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali, speċjalment għaliex V. Marques Almeida għandu l-possibbiltà li jipproċedi kontra, mhux biss l-assigurazzjoni tal-vettura l-oħra involuta, imma wkoll il-proprjetarju tal-vettura mhux assigurata, is-sewwieq tagħha u l-fond ta' garanzija, u dawn jistgħu, sal-punt fejn ir-responsabbiltà oġġettiva tkun inkwistjoni, jwieġbu *in solidum* għall-ħlas ta' dak il-kumpens. Il-qorti tar-rinviju nfisha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-punt fid-digriet tar-rinviju tagħha.

67. Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li l-fatt li l-kawża prinċipali — b'differenza mill-kawżi Carvalho Ferreira Santos kif ukoll Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio — ma tirrigwardax il-kumpens lis-sewwieq tal-vettura, imma lil passiġġier, ma huwiex ta' ostakolu għall-applikabbiltà ta' dik il-ġurisprudenza għal din il-kawża. L-ewwel nett, għandha tingħibed l-attenzjoni fuq il-fatt li mill-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva jirriżulta li l-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur tkopri, bħala regola ġenerali, id-danni tal-"passiġġieri kollha". Il-kopertura ta' passiġġier taħt l-assigurazzjoni hija għalhekk paragunabbli ma' dik ta' kwalunkwe persuna oħra fit-triq li tkun qed issuq vettura. Madankollu, dik id-dispożizzjoni ta' dritt tal-Unjoni, li għandha l-għan li tiggarantixxi l-iktar kopertura kompleta possibbli minn assigurazzjoni għal kull min juża t-triq, ma tippreġudikax, finalment, il-kwistjoni ta' possibbli riduzzjoni, jew anki telf sħiħ, tad-dritt tal-passiġġieri għal kumpens bis-saħħa tad-dritt dwar ir-responsabbiltà ċivili. Għaldaqstant, dik iċ-ċirkustanza ma twassal għal ebda konsegwenza partikolari f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ammont tal-kumpens. Din hija wkoll il-konklużjoni li wasal għaliha, kif korrettament irrimarkat

61 — Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 1964, Unger (75/63, Ġabra p. 347), u tat-18 ta' Diċembru 1997, Annibaldi (C-309/96, Ġabra p. I-7493, punt 13).

62 — Ara s-sentenzi tat-22 ta' Settembru 2011, Interflora u Interflora British Unit (C-323/09, Ġabra p. I-8625, punt 46), u tad-19 ta' April 2012, Wintersteiger (C-523/10, punti 26 u 28).

63 — Sentenzi tat-3 ta' Frar 1977, Benedetti (52/76, Ġabra p. 163, punt 25); tal-21 ta' Settembru 1999, Kordel *et* (C-397/96, Ġabra p. I-5959, punt 25), tas-17 ta' Lulju 2008, Corporación Dermoestética, (C-500/06, Ġabra p. I-5785, punt 21), kif ukoll tal-1 ta' Diċembru 2011, Churchill Insurance Company Limited u Evans (C-442/10, Ġabra p. I-12639, punt 22).

64 — Ara l-punt 23 tal-osservazzjonijiet ta' V. Marques Almeida.

il-Kummissjoni [65], ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Carvalho Ferreira Santos rigward l-Artikolu 1a tad-Direttiva 2005/14 u tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/103 — dwar, madankollu, is-suġġett tal-kopertura ta' kategoriji oħra ta' min juża t-triq. Għalhekk hemm lok li jiġi kkonstatat li l-kwalità ta' passiġġier tal-parti leża fiha nfisha ma għandhiex impatt fuq l-evalwazzjoni ta' din il-kawża.

68. Ladarba jkun stabbilit, kif huwa l-każ fil-kawża prinċipali, li t-telf tad-dritt għal kumpens tal-parti leża huwa, finalment, dovut għal raġuni ta' esklużjoni tar-responsabbiltà ċivili, isir impossibbli li jinġibdu xi paralleli mas-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Candolin *et* kif ukoll Farrell, li għalihom il-qorti tar-rinviju tirreferi wkoll sabiex timmotiva d-domanda preliminari tagħha. Fil-fatt, b'differenza miċ-ċirkustanzi li kienu wasslu għal dawk is-sentenzi, id-dritt għal kumpens ta' V. Marques Almeida bħala vittma tal-inċident ma huwiex affettwat minn limitazzjoni tal-kopertura tar-responsabbiltà ċivili minn dispożizzjonijiet fil-qasam ta' assigurazzjoni.

69. Bil-kontra tar-regoli tad-dritt rispettivament applikabbli fil-kawżi prinċipali fil-kawżi Candolin *et* kif ukoll Farrell, id-dispożizzjonijiet legali tad-dritt Portuġiż involuti hawnhekk ma jwasslux għall-konsegwenza li jeskludu awtomatikament — jew li jirriduċu b'mod sproporzjonat — id-dritt tal-parti leża li tkun ikkumpensata mill-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili obbligatorja tas-sewwieq tal-vettura involuta fl-inċident meta din tkun ikkontribwixxiet għad-danni tagħha stess. Dawk id-dispożizzjonijiet legali ma jaffettwawx il-garanzija, stabbilita bid-dritt tal-Unjoni, li r-responsabbiltà ċivili stabbilita bid-dritt nazzjonali applikabbli tkun koperta minn assigurazzjoni kompatibbli mad-direttivi dwar l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

70. Peress li dan il-każ għandu punti paralleli ovvji mas-sentenzi Ambrósio Lavrador u Olival Ferreira Bonifácio kif ukoll Carvalho Ferreira Santos dwar il-problema ġuridika li qamet, l-applikabbiltà ta' din il-ġurisprudenza hija meħtieġa fil-prinċipju. Loġikament, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkonkludi għalhekk li d-direttivi dwar l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur ma jipprekludux sistema nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili li, f'każ ta' ħabta bejn żewġ vetturi fejn il-ħtija ma hija imputabbli lil ebda wieħed mis-sewwieqa, teskludi jew tillimita d-dritt għal kumpens tal-passiġġier ferut ta' waħda mill-vetturi minħabba li huwa jkun ikkontribwixxa għall-okkorrenza tad-dannu tiegħu.

D – *Nuqqas ta' neċessità li tiġi mmodifikata l-ġurisprudenza*

71. L-analiżi preċedenti wriet li d-direttivi dwar l-armonizzazzjoni tal-assigurazzjoni għal responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' vetturi bil-mutur jissodisfaw l-għan leġiżlattiv tagħhom, li huwa dak li jiġi żgurat li r-responsabbiltà ċivili minħabba l-vetturi tkun koperta minn assigurazzjoni. Madankollu, huma ma jaffettwawx l-estensjoni ta' din ir-responsabbiltà, peress li huma ma jaħsbux għal armonizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok għal soluzzjoni oħra, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, ħlief li jiġi aċċettat li l-liġi ċivili tal-Istati Membri rispettivi [66] jwasslu għal risposti differenti fir-rigward tal-estensjoni tad-dritt għal kumpens ta' vittmi ta' inċidenti bħal ma huwa V. Marques Almeida. Jidher li huwa impossibbli li sseħħ

65 — Ara l-punti 47 sa 51 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

66 — Il-maġġoranza tal-Istati Membri (pereżempju l-Ġermanja, Spanja, l-Estonja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Isvezja) jirrikonoxxu dritt għal kumpens tal-vittma tal-inċident anki fejn ma jintwera l-ebda tort fis-sewwieqa nvoluti. Dan jistrieħ, bħala regola ġenerali, fuq l-idea tar-responsabbiltà bħala riskju inerenti għas-sewqan ta' vettura bil-mutur. Dawn is-sistemi legali jagħtu wkoll lill-vittmi l-possibbiltà li jeżegwixxu d-dritt tagħhom għal kumpens direttament kontra l-kumpanniji ta' assigurazzjoni. Madankollu, Stati Membri oħra ma jirrikonoxxux tali prinċipju ta' responsabbiltà mingħajr ħtija, imma jeżiġu mingħand il-persuna kkonċernata li hija tinvoka nuqqas tal-obbligu ta' viġilanza min-naħa tas-sewwieq (pereżempju l-Irlanda u l-Pajjiżi Baxxi). F'dak li jikkonċerna l-portata tad-dritt għal kumpens fih innifsu, ċerti Stati Membri (pereżempju l-Polonja u s-Slovenja) jipprovdu l-possibbiltà ta' tnaqqis jew anki telf ta' dak id-dritt meta l-persuna kkonċernata ma kinitx liebsa ċ-ċintorin ta' sigurtà tagħha fil-mument tal-inċident. Stati Membri oħra (pereżempju Franza u l-Isvezja) min-naħa tagħhom jirrikonoxxu li eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' dritt għal kumpens sħiħ jistgħu jiġu previsti biss f'każijiet speċifiċi. Bil-kontra, Stati Membri oħra (pereżempju il-Ġermanja, Spanja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja) jipprovdu fil-prinċipju għal tnaqqis jew telf tad-dritt għal kumpens meta l-persuna kkonċernata ma tkunx issodisfat l-obbligu tagħha li tevita d-dannu. Madankollu, dan it-tnaqqis jew telf ma huwiex awtomatiku imma jiddependi fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kontroparti setgħetx turi li l-vittma ma kinitx ser tiġi feruta kif fil-fatt kienet li kieku osservat l-obbligu tagħha li tilbes iċ-ċintorin ta' sigurtà.

armonizzazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet b'mod indirett, permezz ta' interpretazzjoni wiesgħa tad-direttivi, mingħajr ma jsir indħil fil-kompetenzi tal-leġiżlatur tal-Unjoni li sa issa deliberatament irrinunzja għal tali armonizzazzjoni. Anki fl-ipoteżi fejn armonizzazzjoni tas-sistemi legali ta' responsabbiltà ċivili tkun meqjusa neċessarja, tali proċedura ma tkunx mixtieqa, speċjalment peress li armonizzazzjoni ppjanata tad-dritt ċivili [67] mwettqa mil-leġiżlatur innifsu tal-Unjoni hija essenzjali, kif juru ċertu numru ta' eżempji reċenti [68].

VII – Konklużjoni

72. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari li saru mit-Tribunal da Relação de Guimarães kif ġej:

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux sistema nazzjonali ta' responsabbiltà ċivili li, f'każ ta' ħabta bejn żewġ vetturi fejn il-ħtija ma hija imputabbli lil ebda wieħed mis-sewwieqa, teskludi jew tillimita d-dritt għal kumpens tal-passiġġier ferut ta' waħda mill-vetturi minħabba li huwa jkun ikkontribwixxa għall-okkorrenza tad-dannu tiegħu.

67 — Fost l-eżempji ta' armonizzazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjonijiet fil-qasam tad-dritt ċivili, jista' jiġi ċċitat il-Qafas komuni ta' riferiment ("Common Frame of Reference"), li fih ukoll dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà fil-qasam ta' delitti. Dan jipprovdi fl-Artikolu VI-1:101 ("Basic Rule") l-prinċipju fundamentali li kull persuna li ssofri dannu minħabba att imputabbli lil terz għandha d-dritt għal kumpens. Il-punt VI-3:205 ("Accountability for damage caused by motor vehicles") jipprovdi għar-responsabbiltà tad-detentur ta' vettura bil-mutur minħabba d-dannu kkaġunat lil persuna oħra wara inċident tat-traffiku. Min-naħa l-oħra, l-ewwel paragrafu tal-punt VI-5:102(1) ("Contributory fault and accountability") jipprovdi għal tnaqqis tad-dritt għal kumpens proporzjonatament għall-grad ta' kontribut tal-parti leża għad-danni tagħha stess. Madankollu skont il-paragrafu 2(c), ma hemmx tnaqqis tad-dritt għal kumpens meta d-danni jkunu saru fil-kuntest ta' inċident tat-traffiku, ħlief fil-każ ta' negliġenza kbira tal-vittima, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ. Dik id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tiggarantixxi protezzjoni partikolari lill-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku.

68 — Hija nnotata armonizzazzjoni parzjali tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tad-dritt ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi. Dan għaddej minn serje ta' aġġustamenti leġiżlattivi li juru l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tikkonsolida u timmodernizza l-kisbiet li saru f'dan il-qasam. Minbarra l-emendi speċifiċi li saru lid-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288) bid-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2011, dwar drittijiet tal-konsumatur (ĠU L 304, p. 64), li għandhom l-approċċ ta' armonizzazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-Kummissjoni, bil-proposta tagħha tal-11 ta' Ottubru 2011 ta' regolament tal-Parlament u tal-Kunsill fuq Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ (COM(2011) 635 finali), nediet proġett leġiżlattiv li fil-futur ser jippermettilha li tapplika b'mod fakultattiv id-dispożittiv li ġie introdott b'dan il-mod għal kuntratti ta' bejgħ transkonfinali jekk il-partijiet kontraenti jkunu pprovdew dan espressament.